REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1144/2008

tat-18 Novembru 2008

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Kroazja

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(a) u l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u r-regoli applikabbli għall-kontrolli ta' tali movimenti.

(2) Dawn ir-rekwiżiti mhumiex l-istess, u jiddependi jekk l-annimali domestiċi jiġux imċaqalqa minn Stat Membru għal ieħor jew minn pajjiżi terzi lejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għal dawn il-movimenti minn pajjiżi terzi huma iktar differenzjati bejn il-pajjiżi terzi elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament u dawk il-pajjiżi terzi li huma elenkati fil-Parti C ta' dan l-Anness.

(3) Il-pajjiżi terzi li japplikaw għal regoli ta' moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi li jkunu tal-inqas ekwivalenti għar-regoli tal-Komunità kif stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 huma elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli jinkludu l-possibilità għal dawn il-pajjiżi terzi li jużaw il-passaport skond il-mudell stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE [2] minflok iċ-ċertifikat.

(4) Il-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi minn dawn il-pajjiżi terzi lejn il-Komunità huwa soġġett għall-istess regoli bħall-moviment ta' dawn l-annimali bejn l-Istati Membri, kif stipulat fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(5) Il-lista fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tinkludi l-pajjiżi u t-territorji terzi li huma ħielsa mill-idrofobija u l-pajjiżi u t-territorji terzi, inkluża l-Kroazja, fejn ir-riskju li tidħol l-idrofobija fil-Komunità bħala riżultat ta' movimenti minn dawn il-pajjiżi u territorji terzi nstab li mhuwiex ikbar mir-riskju assoċjat mal-movimenti bejn l-Istati Membri.

(6) Il-Kroazja dan l-aħħar talbet li tkun inkluża fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 biex tissimplifika l-movimenti tal-annimali domestiċi bejn il-Kroazja u l-UE.

(7) Wara li kkunsidrat s-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja dwar il-leġiżlaszjoni nazzjonali tagħha, jidher li l-Kroazja tapplika regoli għall-moviment mhux kummerċjali li huma tal-inqas ekwivalenti għar-regoli tal-Komunità kif stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(8) Huwa għalhekk xieraq li titħassar il-Kroazja mil-lista fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 u li tiddaħħal fil-lista fit-Taqsima 2 tal-Parti B ta' dan l-Anness.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima 2 tal-Parti B, l-annotazzjoni li ġejja tiddaħħal bejn l-annotazzjoni għall-Iżvizzera u dik għall-Iżlanda:

"HR Kroazja"

(2) Fil-Parti C, titħassar l-annotazzjoni li ġejja:

"HR Kroazja".

[1] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
[2] ĠU L 312, 27.11.2003, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni